



Il-projbizzjoni ta' aċċess lil persuni mhux residenti fil-“coffee shops” Olandiżi hija konformi mad-dritt tal-Unjoni

Din ir-restrizzjoni hija ġġustifikata mill-għan ta' ġlieda kontra t-turiżmu tad-droga u l-inkonvenjenzi li joħloq, għan li huwa marbut kemm maż-żamma tal-ordni pubbliku kif ukoll mal-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini, u dan ukoll fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll dak tal-Unjoni.

Skont il-liġi tal-1976 dwar id-drogi narkotiċi (Opiumwet 1976), il-pussess, il-kummerċ, il-kultivazzjoni, it-trasport, il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' drogi narkotiċi, inkluża l-kannabis u l-prodotti derivati tagħha, huma pprojbati fil-Pajjiżi l-Baxxi. Madankollu dan l-Istat japplika politika ta' tolleranza fir-rigward tal-kannabis. Din il-politika tfisser b'mod partikolari l-istabbiliment ta' coffee-shops prinċipalment iddedikati għall-bejgħ u għall-konsum ta' din id-droga msejja “ħafifa”. L-awtoritajiet lokali jistgħu jawtorizzaw dawn l-istabbilimenti fl-osservanza ta' ċerti kriterji. F'diversi coffee-shops, xorb mhux alkoħoliku u ikel huma wkoll ikkummerċjalizzati.

Bil-ħsieb li jitnaqqas it-turiżmu tad-droga, jew ukoll li jiġi pprevenut, il-kunsill komunal ta' Maastricht, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2005, introduċa kriterju ta' residenza mar-regolament ġenerali tal-komun u għalhekk ipprojbixxa lil kull persuna li tmexxi coffee shop li tagħti aċċess fl-istabbiliment tagħha lil persuni li ma għandhomx ir-residenza effettiva tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi.

M. Josemans imexxi l-coffee-shop “Easy Going” f'Maastricht. Wara żewġ konstatazzjonijiet li jikkonfermaw li persuni mhux residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi kienu tħallaw jidħlu f'dan il-coffee-shop, il-Burgemeester van Maastricht (is-sindku ta' Maastricht), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Settembru 2006, iddikjara dan l-istabbiliment temporanjament magħluq.

M. Josemans ressaq ilment kontra din id-deċiżjoni. Huwa jsostni li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tinkludi trattament mhux ugwali inġustifikat bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u li, b'mod iktar partikolari, il-persuni mhux residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi jiġu miċħuda mill-possibbiltà li jixtru xorb mhux alkoħoliku u ikel f'coffee-shops, b'nuqqas ta' osservanza tad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat), li quddiemu tressaq il-każ, qed jagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-ħsara li jikkawżaw id-drogi narkotiċi, inklużi dawk abbażi tal-qanneb, bħall-kannabis, hija ġeneralment rikonoxxuta u li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom hija pprojbata fl-Istati Membri kollha, ħlief għal kummerċ strettament ikkontrollat fid-dawl tal-użu għal għanijiet mediċi u xjentifiċi. Din is-sitwazzjoni legali hija konformi ma' diversi strumenti internazzjonali, fosthom diversi konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, li magħhom l-Istati Membri kkooperaw jew aderixxew, kif ukoll mad-dritt tal-Unjoni.

Peress li l-introduzzjoni ta' drogi narkotiċi f'ċirku ekonomiku u kummerċjali tal-Unjoni hija pprojbata, min imexxi coffee-shop ma jistax jibbaża ruħu fuq libertajiet ta' moviment jew fuq il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, f'dak li jikkonċerna l-attività li tikkonstisti fil-kummerċjalizzazzjoni tal-kannabis.

Fir-rigward tal-attività ta' kummerċjalizzazzjoni ta' xorb mhux alkoħoliku u ta' ikel, f'tali stabbilimenti, is-sindku ta' Maastricht kif ukoll il-Gvern Olandiż, Belġjan u Franċiż isostnu li din l-attività hija għal kollox sekondarja meta pparagunata mal-bejgħ tal-kannabis u ma jistax ikollha effett fuq is-soluzzjoni tal-kawża prinċipali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taċċettax dan l-argument u tikkunsidra li l-libertajiet ta' moviment jistgħu jiġu effettivament invokati minn tali persuna li tmexxi coffee-shop f'dan il-kuntest.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kummerċjalizzazzjoni ta' xorb mhux alkoħoliku u ta' ikel, f'coffee-shops, jikkostitwixxi attività ta' ristorazzjoni. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni għandha tiġi eżaminata fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-eżistenza ta' restrizzjoni għall-eżerċizzju ta' din il-libertà sa fejn il-persuni li jmexxu coffee shops ma għandhomx id-dritt li jikkummerċjalizzaw prodotti legali lil persuni li jirrisjedu fi Stati Membri oħra u dawn tal-aħħar huma esklużi mill-benefiċċju ta' tali servizzi.

Din ir-restrizzjoni hija madankollu ġġustifikata mill-għan ta' ġlieda kontra t-turiżmu tad-droga u tal-inkonvenjenzi li joħloq.

Fil-fatt, din il-leġiżlazzjoni hija intiża biex ittemm l-inkonvenjenzi kkawżati min-numru kbir ta' turisti li jixtiequ jixtru jew jikkonsomaw il-kannabis fil-coffee-shops fil-komun ta' Maastricht. Skont l-informazzjoni mogħtija mis-sindku ta' Maastricht, l-erbatax il-coffee-shops ta' dan il-komun jattiraw madwar 10 000 viżitaturi kuljum, jiġifieri ftit iktar minn 3.9 miljuni fis-sena. Minn dawn il-viżitaturi kollha, 70 % ma jirrisjedux fil-Pajjiżi I-Baxxi.

Is-sindku ta' Maastricht u l-Gvern Olandiż isostnu li l-problemi marbuta mal-bejgħ ta' drogi "ħfief" li huma preżenti f'dan il-komun - il-forom differenti ta' inkonvenjenzi u ta' kriminalità, in-numru dejjem jikber ta' punti ta' bejgħ illegali ta' drogi, inklużi d-drogi "qawwija" - iggravaw ruħhom permezz tat-turiżmu tad-droga. Il-Gvern Belġjan, dak Franċiż u dak Ġermaniż jirreferu għall-problemi ta' ordni pubbliku li dan il-fenomeno, inkluża l-esportazzjoni illeċita ta' kannabis, joħloq fl-Istati Membri barra l-Pajjiżi I-Baxxi, b'mod partikolari fl-Istati ġirien tiegħu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-ġlieda kontra t-turiżmu tad-droga u l-inkonvenjenzi li joħloq taqa' taħt il-qafas tal-ġlieda kontra d-droga. Din hija marbuta kemm maż-żamma tal-ordni pubbliku kif ukoll mal-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini, u dan ukoll fuq livell tal-Istati Membri kif ukoll dak tal-Unjoni. Dawn l-għanijiet jikkostitwixxu interess leġittimu ta' natura li jiġġustifika, bħala prinċipju, restrizzjoni għall-obbligi imposti mid-dritt tal-Unjoni, ukoll skont libertà fundamentali bħal dik tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni li projbizzjoni li jitħallew jidħlu persuni mhux residenti f'coffee-shops tikkostitwixxi miżura ta' natura li tillimita, b'mod sostanzjali, it-turiżmu tad-droga u, konsegwentement, li jitnaqqsu l-problemi maħluqa minnu.

Fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi adottati miżuri inqas restrittivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, skont l-indikazzjonijiet ipprovduti mis-sindku ta' Maastricht kif ukoll mill-Gvern Olandiż, miżuri oħra implementati għall-ġlieda kontra t-turiżmu tad-droga u tal-inkonvenjenzi li joħloq irriżultaw insuffiċjenti u ineffettivi fid-dawl tal-għan imfittex.

Fir-rigward tal-possibbiltà li jingħata lil persuni mhux residenti l-aċċess għal coffee-shops filwaqt li jiġi rrifjutat lilhom il-bejgħ tal-kannabis, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li ma huwiex faċli li jiġi kkontrollat u ssorveljat bi preċiżjoni li dan il-prodott ma jkunx servit lil persuni mhux residenti jew li jiġi kkonsmat minnhom. Minbarra dan, hemm it-tħassib li tali approċċ jinkoraġġixxi l-kummerċ illeċitu jew il-bejgħ mill-ġdid tal-kannabis minn residenti lil persuni mhux residenti ġewwa l-coffee-shops.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tipprekludix li persuna li ma tirrisjedix fil-Pajjiżi I-Baxxi tmur, fil-komun ta' Maastricht, fi stabbilimenti ta' ristorazzjoni oħra sabiex hemmhekk tikkonsoma xorb mhux alkoħoliku u ikel. Skont il-Gvern Olandiż, in-numru ta' tali stabbilimenti huwa ta' iktar minn 500.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib

soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qradi nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)." ☎ (+32) 2 2964106